MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 273/2002/2

**Mario u Mark ahwa Gauci.**

**vs.**

**Joseph Gauci.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Joseph Gauci ghar-ritrattazzjoni tal-kawza datat 22 ta' Gunju 2007 a fol. 1 tal-process fejn ipprometta li:-

1. Bl-avviz imsemmi l-atturi talbu l-Qorti Civili tal-Magistrati biex tordna lill-konvenut biex jizgombra mill-fond ta' circa 21 pied b' 81 pied maghruf bhala Ta' Xbekk li jizbokka ghal fuq Triq Burmarrad, limiti ta' dak ir-rahal ghaliex qed jokkupah minghajr titolu.

Fid-19 ta' Dicembru 2006 dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, fosthom illi l-kawza kienet ta’ kompetenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u illi l-konvenut kien qed juza l-art ghal dawn l-ahhar disa’ snin u, ghall-ahhar snin, kien jhallas kera ta LM3.00 (€6.99) kulljum.

Il-konvenut appella quddiem din l-Onorabbli Qorti li fit-30 ta' Mejju 2007 ikkonfermat is-sentenza appellata, u f’din is-sentenza, ghar-rigward tal-eccezzjoni, anke jekk mhux formali tal-konvenut dwar it-titolu ta' proprieta' vantat mill-atturi qalet "li din il-kwistjoni insorgiet *per incidens* fil-kors tal-proceduri u l-ewwel Qorti ghamlet r-rikorrenza ghax-xhieda ta' l-istess appellanti u martu.

Tkompli hekk is-sentenza mpunjata:-

Mill-bqija, lanqas ma jirrizulta illi quddiem il-Qorti huwa kkontrasta l-effikacja probatorja li kien jaghmel il-kuntratt ta' akkwist esebit mill-atturi (fol.55) biex jimpedixxi li dan, flimkien mad-deposizzjoni ta' l-attur Mario Gauci (fol.51) jaghmel dik il-prova pjena tad-dikjarazzjoni tat-titolarita` tal-proprjeta’.

Ikollu jigi osservat, imbaghad, illi anke minghajr dak id-dokument jezistu provi ohra fil-process assodanti illi l-istess konvenut kien konsapevoli tal-fatt li l-art kienet tal-atturi (u mhux ta’ haddiehor lanqas ta’ socjeta` ghalkemm indikata anke jekk b'evidenti *lapsus calami* ghal skop tal-valur lokatizju u allura tal-kompetenza fl-att promottiv ta' l-Avviz) u li l-ftehim lokatizju kien konkordat bejnu u l-istess atturi. Ara x-xhieda tieghu a fol. 58 u dik ta’ martu Rita Gauci a fol.50. Kienet din il-verita` materjali raggunta mill-ewwel Qorti fl-indagini ritwali taghha. ta' l-assjem tal-provi, u hu ghal kollox inutli, jekk mhux ukoll futili, illi l-appellanti jittanta jikkampa l-gruvam tieghu kontra s-sentenza appellata fuq kongetturi ta’ falsita' u supposizzjonijiet ta’ raggiri u ta' frodi.

2. Illi l-esponenti jissottometti illi minn din il-kwotazzjoni estensiva tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti jidher manifest illi din is-sentenza specjalment fil-partijiet

sottolineati, applikat il-ligi hazin, li huwa wiehed mill-kazijiet li tikkontempla l-ligi, fl-**artikolu 811 (e) tat-Kap. 12** ghad-dritt ta ritrattazzjoni.

Difatti dak li ghamlet is-sentenza ma huwiex konsentit mil-ligi u s-sentenza kellha tapplika dak li hemm ingunt fl-**artikolu 559** li precizament jghid:-

"Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista’ ggib".

M'hemmx dubju li l-ahjar prova tat-titolu tal-bicca art in kwistjoni saret billi l-istess attur Mario Gauci pprezenta, l-kuntratt li gie ppublikat minn Nutar Dr. Joseph Spiteri tas-6 ta' Marzu 1998 Dok. “MM 1”.

Dan il-kuntratt jistabbilixxi illi l-proprjeta' tal-fond maghruf bhala Ta’ Xbekk hija ta' Mario Gauci u Emanuel Gauci li mhuwiex fil-kawza, mentri l-kawza saret minn Mario Gauci u Mark Gauci, li m'ghandu ebda titolu fuq din il-proprjeta'.

L-**artikolu 559 Kap. 12** huwa tassattiv billi l-ligi trid li "fil-kazijiet kollha" l-Qorti ghandha tordna li ssir l-ahjar prova ghaliex naturalment fir-ricerka tal-verita' fuq it-talba u l-eccezzjonijiet, il-Qorti ghandha tkun gwidata mill-ahjar prova li ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom il-partijiet. Certament m'huwiex skond il-ligi dak li hemm fis-sentenza impunjata li "jezistu provi ohra, assodanti illi l-istess, konvenut kien konsapevoli tal-fatt li l-art kienet ta' l-atturi" provi dawn li mhumiex in konformita' mal-prova tal-kuntratt, provi proceduralment inammissibli u, kif irrizulta, skorretti. L-istess jinghad fuq dak li qalet is-sentenza a rigward "verita` materjali raggunta mill-ewwel Qorti fl-indagini ritwali taghha ta' l-assjem tal-provi" – indagini li ghal kuntrarju kienet irritwali ghaliex ir-rit gust li tesigi l-ligi huwa bazat fuq l-ahjar prova – anzi huma "provi li rrizultaw provi hziena li jikkontrastaw mal-prova ta' dokument – kuntratt – u l-verita' "materjali" mhijiex l-verita' sostanzjali li trid l-ligi.

U dan il-konflitt mal-ligi jerga’ jispikka ghaliex skond l-**artikolu 560 (1)** il-Qorti kellha l-obbligu li tichad il-provi

kuntrarji li ngiebu kontra, l-ahjar prova – altru milli toqghod fuq "l-assjem tal-provi" li tfahhar u taccetta s-sentenza appellata, fuq l-operat ta' l-ewwel Qorti: -

**560 (1)** "Il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova ….li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."

3. Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jissottometti u jitlob lil din l-Onorabili Qorti joghgobha tilqa' t-talba tieghu ghar-ritrattazjoni tal-kawza **"Mario u Mark Gauci vs Joseph Gauci"** deciza minnha fit-30 ta' Mejju 2007 u wara li twarrab u thassar dik is-sentenza, terga' tisma' u tittratta l-imsemmija kawza u li konsegwenzjalment tilqa' l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Mario u Mark ahwa Gauci datata 11 ta' Settembru 2007 a fol.119 tal-process fejn esponew:-

Illi permezz tar-rikors datat 22 ta' Gunju, 2007 il-konvenut f'dawn il-proceduri Joseph Gauci talab li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet surreferiti deciza minnha stess fit-30 ta' Mejju, 2007 u dan wara li twarrab u thassar dik is-sentenza, terga' tisma' u tittratta l-imsemmija kawza u li konsegwenzjalment tilqa' l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Illi l-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et. noe**. deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2003 gie osservat li:

*"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV. 1.137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissimi (Vol. XXVII.i.818), 'non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale' (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et. Prim' Awla tat-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' April, 1958 (Vol. XLII.i.227) gie osservat li f'dawn il-kawzi (cioe' ta' ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem:

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li rregoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ]* ***ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza."*** (enfazi tal-esponenti).

Fir-rikors ghar-ritrattazzjoni odjerna l-atturi ritrattandi jsostnu li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) hemm applikazzjoni hazina tal-ligi (skond l-**artikolu 811(e) tal-Kap. 12**) fil-konsiderazzjoni tat-tezi taghhom li l-art *de quo* mhijiex effettivament proprjeta' tal-esponenti. Issa kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **'George Xuereb v. Dorothy Xuereb'** deciza fl-20 ta' Jannar, 1992 gie ribadit illi:

Jista' jkun hemm biss lok ghar-ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e), ***iekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat."*** (enfazi tal-esponenti)

Huwa, infatti, ghalhekk li l-**art. 816 tal-Kap. 12**, meta jispecifika x'ghandu jkun fih l-art promotorju ta' ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi *"l-attar ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*

Illi fil-kawza **'Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et.'** deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, il-Qorti tal-Appell qalet a propositu:

*"Hu ormaj pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal fini ta' ritrattazzjoni* ***ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati*** *... Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti."* (enfazi talesponenti)

Illi, b'referenza ghall-kaz in ezami u wkoll mill-korp, tas-sentenza jidher bic-car li l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat u interpretat il-ligi applikabbli ossija l-**Att XXI tat-1995** u dan wara li kkonkludiet li l-lokazzjoni *de quo* dahlet fis-sehh fl-1999. Il-Qorti tal-Appell dehrilha wkoll li ma kellhiex xi zzid mal-kunsiderazzjonijiet zvolti mill-Ewwel Qorti u ghalhekk ghaddiet biex tichad l-aggravju tal-appell.

Illi, ulterjorment, b'referenza ghall-aggravju odjern l-istess Qorti tal-Appell osservat li: *"l-appellanti lanqas fil-prim' istanza ma ssolleva b'xi eccezzjoni formali illi l-atturi ma kienux is-sidien tal-art. [...] Milli tista' tifhem din il-Qorti, il-kwistjoni dwar it-titolu ta' proprjeta' vantat mill-atturi insorgiet per incidens fil-kors tal-proceduri u l-ewwel Qorti rrizolvitha bir-rikorrenza ghax-xhieda tal-istess appellanti u dik ta' martu. Mill-bqija, lanqas ma jirrizulta illi quddiem il-Qorti huwa kkontrasta l-effikacja probatorja li kien jaghmel il-kuntratt ta' akkwist esebit mill-atturi (fol.55) biex jimpedixxi li dan, flimkien mad-deposizzjoni tal-attur Mario Gauci (fol. 51) jaghmel dik il-prova pjena tad-dikjarazzjoni tat-titolarita' tal-proprjeta'."* Fil-fatt ma jistax jifhem l-esponenti kif, skond l-atturi ritrattandi, dan il-paragrafu fis-sentenza appellata jinkludi applikazzjoni hazina tal-ligi kif mehtiega *ai termini* tal-**art. 811(e).**

Illi dak li huwa essenzjalment l-aggravju tar-ritrattandi huwa l-fatt li, skont hu, il-Qorti tal-Appell daqskemm l-ewwel Qorti interpretaw b'mod zbaljat il-provi prodotti quddiemha u certament dan l-aggravvju fih innifsu

jirrigwardja biss allegata interpretazzjoni hazina ta' fatti u ma jista' bl-ebda mod jigi ridott *ai termini* ta' applikazzjoni hazina tal-ligi. Huwa minnu li l-Qorti ghandha dejjem tehtieg l-ahjar prova u fil-fatt tali oneru ta' prova gie ghal kollox soddisfatt mill-esponenti kemm quddiem l-ewwel Qorti u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell ukoll *in vista* tal-fatt li fl-ebda mument ma' kien hemm xi opposizzjoni ghal tali prova.

Illi la hemm indikazzjoni effettiva ta' liema artikolu gie wkoll allegatament interpretat hazin mill-Qrati u wisq anqas hemm xi ebda forma ta' indikazzjoni ta' liema artikolu jew ligi kellha tigi applikata gustament minflok, kif espressament rikjest *ai termini* tal-**art. 816 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 talLigijiet ta' Malta).** Dan tal-ahhar fil-fatt jehtieg li l-attur *"ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata"* meta r-raguna ghar-ritrattazzjoni tkun dik tal-applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi dwar il-garanzija rikjesta lanqas ma jirrizulta li sar dan il-hlas mal-prezentata tar-rikors kif ukoll espressament rikjest *a tenur* ta’ l-art. 815 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi ghalhekk ghandu jsib applikazzjoni wkoll fil-kaz odjern il- principju abbraccjat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet ‘**Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela et noe’** datata 3 ta' Gunju, 1994 ddecidiet hekk fir-rigward tal-**art. 811(e) tal-Kap. 12**:-

*"...biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi,* ***<u>il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fls-sentenza attakkata</u>****, ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata.* ***<u>Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ahal ritrattazzioni</u>*** *fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-*

*ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin." (enfazi talesponenti)*

Illi certament jirrizulta bl-aktar mod car u univoku wkoll mir-rikors ghar-ritrattazzjoni li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi t-tajba ghall-kaz in ezami u ghalhekk certament ma jezistux fil-kaz *de quo* l-estremi kontemplati mill-**art. 811(e)** ghar-ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti huwa tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tal-atturi ritrattandi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet surreferiti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija fl-istess proceduri bl-ispejjez kontra l-istess atturi ritrattandi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tal-31 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Victor Ragonesi ghar-ritrattandi. Deher ukoll Dr. Ivan Gatt ghar-ritrattat. Peress li din il-Qorti kif presjeduta, gia espremiet il fehmiet taghha fuq il-materja, il-Qorti rat l-Art. 734 (1) (d) tal-Kap 12, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, u tordna li l-process jigi rimess lir-Registratur biex dan jigi assenjat lil din il-Qorti kif diversament presjeduta. Tordna li dan l-appell jitnehha minn fuq il-lista tal-kawza quddiemha.

Rat is-surroga datata 13 ta' Novembru 2007, u l-Qorti kif hekk presjeduta rriappuntat dan l-Appell ghas-smigh; dan b' digriet moghti fit-23 ta' Jannar 2008 kif jidher a fol. 130 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta fejn fil-seduta tat-23 ta' April 2008 meta ssejjah l-appell deher Dr. Ragonesi ghall-konvenut Joseph Gauci prezenti. Deher Dr. Ivan Gatt ghall-attur Mario Gauci. Dr. Ivan Gatt irrifera ghas-sentenzi li gew esebiti permezz ta' nota *seduta stante*. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2008; u l-verbal tal-14 ta' Ottubru 2008 fejn il-

kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Otturbu 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-istess ritrattandi qed jghid li hemm lok ta' ritrattazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e)** peress li saret applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Qorti fis-sentenza datata 30 ta' Mejju 2007, mentri minn naha l-ohra jinghad li ma hemm xejn minn dan izda fil-verita' kull ma' qed jintalab f'din il-procedura huwa evalwazzjoni mill-gdid tal-provi prodotti, haga li ovvjament ma hijiex permessa mill-ligi.

Illi qabel xejn jinghad li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenza **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-*

*Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi r-ritirrandi qed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza ta' din l-Qorti – diversament komposta – fuq dak biss li jipprovdi l-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** li jaqra hekk:-

***"811***. *Kawza deciza b'sentenza moghtija fil-grad ta' appell tista', tigi fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza…..*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stability fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkun dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha, l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi f'dan il-kaz Joseph Gauci qed jitlob ritrattazzjoni peress li qed isostni li l-prova li saret quddiem l-Qorti ghall-prova tat-titolu ta' l-atturi ma kienitx l-ahjar prova u allura hemm ksur tal-artikolu 559 li jipprovdi li l-Qorti ghandha tesigi l-provizjoni tal-ahjar prova u mhux biss izda skond l-**artikolu 560** l-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova …. li ma hjiex l-ahjar prova. F'dan il-kuntest jghid li l-din il-Qorti diversament presjeduta mxiet kontra l-ligi peress li l-Qorti apparti l-kontenut tal-kuntratt tas-6 ta' Marzu 1998 (Dok. "MM1") imxiet fuq provi ohra li skond hija kienu jinkludu li l-istess konvenut kien *"konsapevoli tal-fatt li l-art kienet ta' l-atturi"* u provi ohra processwali li jwasslu sabiex ikkonvinciet ruhha li l-atturi huma proprjetarji tal-istess art mertu tal-kawza odjerna.

Illi qabel xejn jigi nnutat li dak li inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Mejju 2007 hija li l-kwistjoni tat-titolu tal-atturi fuq l-art mertu tal-kawza

odjerna ma giex imqajjem quddiem il-Qorti tal-Ewwel istanza b'xi eccezzjoni formali, li kienu biss limitati ghall-kompetenza tal-istess Qorti, u li t-talbiet kienu infondati; fil-fatt inghad li l-kwistjoni ta' proprjeta' qamet biss accidentalment u jidher li l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghax-xhieda tal-konvenut u martu li rrikonoxxew li l-atturi huma proprjetarji tal-istess art u dan apparti l-kuntratt datat 6 ta' Marzu 1999 u x-xhieda tal-attur (fol. 51 tal-process), u il-Qorti wkoll rreferiet ukoll ghax-xhieda tal-konvenut li jghid li huwa kien hallas il-kera lill-atturi (fol. 58), flimkien ma dik ta' martu Rita Gauci (fol. 50) li qalet l-istess, u b'hekk il-Qorti kkonkludiet li t-titolu tal-atturi fuq l-istess art qatt inverita' ma gie kontestat mill-konvenut u kien ghalhekk li waslet ghall-konkluzzjoni taghha fis-sens indikat.

Illi ghalhekk dak li attwalment qed jitlob l-konvenut huwa biss li fid-dawl tal-provi prodotti – dawn jigu ezaminati u valutati mill-gdid, haga li ma hijiex permessa li ssir ghaliex il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ma tistax targa tezamina u tevalva l-fatti tal-kawza u lanqas taghti interpretazzjoni tal-istess **("Carmelo Busuttil vs. Mario Gauci et"** – A. C. – 24 ta' Jannar 2007); **"John Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Artijiet"** – A.C. 15 ta' Jannar 2002).

Illi tant huwa minnu dan li l-istess konvenut qed jikkontendi biss li abbazi tal-provi prodotti, u mill brani citati fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, ghandu jkun hemm konkluzjoni differenti minn di raggunta mill-istess Qorti, fis-sens li t-titolu ta' l-atturi ma giex b'hekk ippruvat; dan manifestament ifisser li l-istess konvenut ma huwiex effettivament qed jaqbel mal-evalwazzjoni tal-provi li l-istess Qorti kellha quddiema, u dan huwa ferm differenti mill-ezami jista' jsir taht d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (1) (e) tal-Kap 12** li huwa intiz biss li kemm-il darba l-fatti huma kif jirrizultaw ippruvati, l-Qorti tkun applikat artikolu ta' ligi differenti minn dak li kellha tapplika **"George Xeureb vs Dorothy Xeureb"** – A.C. – 20 ta' Jannar 1992; **"Dr. Alfred Grech et vs Joseph Muscat et nomine"** – A.C. – 28 ta' Jannar 2005), haga li assolutament hija mankanti mill-premessi

ta' din il-procedura odjerna. Fi kliem iehor biex japplika dan l-artikolu irid ikun fil-premessi li l-Qorti tkun applikat il-ligi l-hazina u mhux li applik il-ligijiet b'mod hazin **("Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** A.I.C. (PS) – 24 ta' Novembru 2003).

Illi dan ifisser necessarjament li sabiex ikun lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 811 (e)** u allura jekk hemmx applikazzjoni hazina tal-ligi, l-fatti li fuqhom is-sentenza hija bbazata ma jistawx jigi valutati u ezaminati mill-gdid, u dan peress li tezisti din il-lamentela biss jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti tal-kaz u f'dan il-kaz tigi ndikata l-ligi li kellha minflok tigi applikata ghall-istess fatti **("Reginald Micallef et vs Godwin Abela et. Noe."** – A.K. 3 ta' Gunju 2004).

Illi dan huwa konsistenti ma dak li inghad mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella proprio et nomine et"** (A.C. 10 ta' Ottubru 2003) fejn inghad li:-

*"Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi il-fatti tal-kawza ma jistghux jigi ezaminati mill-gdid u ferm u ferm anqas ma jistghu dawn il-fatti jigu valutati jew interpretati mill-gdid fil-kors tal-procedura tar-ritrattazzjoni"*

Illi dan ghaliex il-Qorti hija prekluza milli tiftah il-mertu tal-vertenza a bazi ta' interpretazzjoni xort'ohra tant li gie ritenut fil-kawza **"Joseph Micallef vs George Pavia"** (A.C. – 13 ta' Gunju 1995) li:-

*"Gie konstantament ritenut fil-gurisprudenza – u dan johrog direttament mill-ligi – illi biex jigi deciz jekk kien hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi – wiehed ma jistax jezamina mill-gdid il-fatti tal-kawza jew jerga jinterpretahom".*

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-talbiet tar-ritrattandi ma jistghux jintlaqghu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta ta’ Mario Gauci et datata 11 ta’ Settembru 2007 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-ritrattandi fir-rikors tieghu datat 22 ta’ Gunju 2007** ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi Joseph Gauci.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------